**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 33 - L-ERBGĦA 27 TA' OTTUBRU 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija: | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa li kien irċieva imejl mingħand il-Kunsillier Abela li ta ir-raġuni tiegħu għalfejn ma setax jattendi għal-laqgħa. Il-Kunsill qies l-assenza tiegħu bħala ġustifikata.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti (seduta numru 32) li saret nhar l-Erbgħa 29 ta' Settembru 2021.

2.2 Il-Kunsillier Gatt dwar punt numru 3.6 ippropona li tintbgħat imejl lill-Arċipriet rigward meta se jitlestew l-istatwi.

2.3 Il-Minuti kienu kkunsidrati moqrija u ġew approvati wara proposta mill-Kunsillier Cuomo ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

2.4 Arising minn para. 3.2 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-latrina reġgħet infetħet għal pubbliku wara tiswija tal-ħsarat.

2.5 Arising minn para. 3.4 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li pruvat tagħmel kuntatt mal-Ministru Clayton Bartolo sabiex tiġi infurmata fhiex kien wasal il-proġett li kellu jsir ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq iżda l-Ministru ma respondhiex. Hi għamlet kuntatt mas-Sur Johann Buttigieg fejn ġiet infurmata li fil-jiem li ġejjin se jsir kuntatt magħha sabiex jiġi diskuss dan il-proġett.

2.6 Arising minn para. 3.5 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li matul il-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr Debattista, ġie diskuss il-problema tat-tindif kemm dawk li huma fir-responsabiltà diretta tal-Gvern Ċentrali, li jinkludu Triq tal-Labour kif ukoll il-parkeġġ tat-Tradefair. Ġie diskuss ukoll dawk it-toroq li huma traffikużi, twal u dawk it-toroq fejn jinġemgħa ammont ta' ħmieġ fejn il-Kunsill m'għandux biżżejjed riżorsi biex isostni. Dawn it-toroq jinkludu Triq is-Salini, il-Bye Pass ta' Birguma kif ukoll Triq ir-Ramla ġewwa l-Magħtab.

L-Onor. Debattista wiegħed l-assistenza possibli biex il-kwalità u l-frekwenzi jiżdiedu skond id-disponibilita' tar-riżorsi. Ġie diskuss ukoll li l-Ministru lest li jgħin permezz ta' bins filwaqt li 'l quddiem se jingħataw *smart/solar litter bins.* Dawn se jiġu mħadma permezz tal-enerġija tax-xemx u apparti li jikkompressaw l-iskart fihom jibgħatu messaġġ awtomatiku hekk kif ikun imtella' madwar 75% sabiex jiġu mbattla.

Ġie diskuss ukoll li bħalissa għaddej il-proċess biex f'Baħar iċ-Ċagħaq tiġi installata latrina awtomatika biex tagħmel tajjeb għal-latrina l-oħra li hija antika u tinsab fi stat perikluż. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-SE, il-Kunsillieri Spiteri u Gatt kif ukoll id-Direttur Ġenerali għall-Direttorat dwar l-Indafa is-Sur Ramon Deguara.

2.7 Arising minn para. 3.9 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li dak inhar suppost kellha laqgħa mal-Ministru tal-Ambjent, l-Onor. Aaron Farrugia però minħabba li kellu impenji oħra urġenti ma setax jattendi għal laqgħa. Minflok, iltaqgħu mal-Advisor-Green Environmental Projects is-Sinjura Brincat Dimech fejn kienet qed tirrappreżenta lil Ministru, preżenti għal laqgħa kien hemm is-Sur Richard Bilocca, is-CEO tal-Wasteserv. Ġew diskussi diversi temi fejn jinkludu l-inċineratur, l-indafa tal-Magħtab u proġetti futuri li jistgħu jagħmlu l-kwalità tal-ħajja tar-resident aħjar. Is-Sindku infurmat lil Kunsillier Brincat sabiex jibgħat il-pjanti lis-Sinjura Brincat Dimech.

2.8 Arising minn para. 3.11 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-laqgħa mal-avukat se ssir fil-jiem li ġejjin.

2.9 Arising minn para. 3.15 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li fid-19 ta' Ottubru kienet irċiviet korrispondenza mill-Public Works Department li fil-Ġnien Santa Marija tal-Anġli, ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq se jiġu installati CCTV cameras. Hi rringrazzjat lil Perit Stephen Bonello, id-Direttur Ġenerali tal-Public Works kif ukoll lill-Inġinier George Xuereb tax-xogħlijiet li qed iwettqu f'dan il-ġnien.

2.10 Arising minn para. 3.17 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li s-Supretendent tal-Pulizija kif ukoll l-Ispettur jixtiequ li ssir laqgħa mal-Kumitat tal-Festa kif ukoll mal-Każini li din tiġi organiżżata mill-Kunsill.

2.11 Arising minn para 3.20 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku reġgħet fakkret li l-ġbir tal-ħġieġ beda jsir l-ewwel Erbgħa tax-xahar.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku infurmat li ma kelliex komunikazzjoni xi żżid ma' dak imsemmi fl-arising tal-minuti. .

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/33) anness f'appendiċi A.

5.1.2 Lista ta' dħul għax-xahar ta' Settembru anness f'appendiċi B.

5.1.3 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Settembru anness f'appendiċi C.

5.1.4 Lista Ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Settembru anness f'appendiċi D.

5.2 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti (*nem con*) wara proposta mis-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Deguara.

## 6. RAPPORT FINANZJARJU TAL-KWART LULJU-SETTEMBRU 2021

6.1 Is-SE ippreżenta wkoll ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena li kien intbagħat lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa (anness f'appendiċi E)

6.2 Is-SE spjega lill-Kunsillieri dan ir-rapport li kien juri bilanċ adegwat.

6.3 Wara proposta tas-Sindku, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva dan ir-rapport *nem con.*

## 7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret it-Tnejn 25 ta' Ottubru (anness f'appendiċi F).

7.2 Il-Kunsill approva l-minuti/rapport (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

## 8. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

8.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret it-Tnejn 25 ta' Ottubru (anness f'appendiċi Ġ).

8.2 Il-Kunsill approva r-rapport (*nem con)* wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Spiteri.

8.3 Is-SE spjega li l-Kunsill qed jirċievi ammont ta' talbiet għal humps. Hu spjega għaliex dawn it-talbiet b'mod ġenerali mhux qed jiġu ġustifikati. Dan minħabba li jkun hemm triq tajba u din issirilha tumbata inutli. Sewwieqa li jkunu prudenti jsuqu bil-mod kif ikunu se javiċinaw hump però meta jgħaddu

trakkijiet u jsuqu b'sewqan bl-addoċċ dawn ma jikkalkulawx li jkun hemm hump. Humps li jkunu magħmula minn *rubber* mhumiex permessi għal toroq wesgħin. Hu spjega li meta vetturi jgħaddu minn fuqhom jagħmlu l-istorbju u għalhekk jirriżulta inkonvenjent għan-nies tal-viċin.

**9. PROPOSTA BIEX TRIQ W.M. THACKERAY ISSIR F'DIREZZJONI WAĦDA**

9.1 Il-Viċi Sindku ippreżenta mozzjoni ssekondata mis-Sindku (anness f'appendiċi Ħ)

9.2 Ġie ssuġerit li ssir konsultazzjoni pubblika u wara tintbgħat il-proposta lil Transport Malta. Il-Kunsill qabel.

**10. STQARRIJA DWAR XOGĦLIJIET MINN IM**

10.1 Is-Sindku qrat abbozz ta' stqarrija dwar xogħlijiet minn Infrastructure Malta. Din ġiet proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Spiteri.

10.2 Il-Kunsillier Brincat ma qabilx mal-istqarrija u ssuġerixxa li l-istqarrija toħroġ wara li tiġi ċirkulata mal-Kunsillieri (permezz ta' *whatsapp*) u kulħadd jagħti l-opinjoni tiegħu. Il-Kunsill qabel.

**11. PROPOSTA GĦALL-METRO**

11.1 Fis-18:35 il-Kunsillier Brincat ħareġ mil-laqgħa minħabba possibiltà ta' konflitt ta' interess.

11.2 Is-SE informa li l-poplu għandu jkun jaf fuq din il-proposta u jkollhom l-opportunità li jikkumentaw u kien għalhekk li poġġa post fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill.

11.3 Ġie ssuġerit li l-proġett għandu jinkludi parkeġġ taħt l-art u jinżamm il-*playing field* kif ukoll il-grawnd tal-futbol u l-latrina. Jekk dan ma jkunx possibli, għandhom jitpoġġew x'imkien ieħor fiċ-ċentru tan-Naxxar. Is-siġar li jinqalgħu għandhom jitpoġġew x'imkien ieħor.

11.4 Saru s-19:00 u l-Kunsillier Brincat kien imsejjaħ jidħol lura għal-laqgħa.

**12. AĠĠORNAMENT TAL-BYE LAWS EŻISTENTI**

12.1 **Bye law dwar il-korsijiet**

12.1.1 Is-SE informa li qed ikun propost li jiġu aġġornati l-prezzijiet minħabba li dawn kienu bbażati fuq prezzijiet ta' lira maltija.

12.1.2 Hu ppropona għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill li tiddaħħal klawsola li tippermetti li l-korsijiet ikunu jistgħu jsiru b'mod virtwali.

12.1.3 Il-Kunsill qabel u għalhekk is-SE għandu jiddiskuti mal-avukat ħalli tiġi aġġornata u jibda l-proċess għall-emendi skont il-liġi.

12.2 **Bye law dwar ir-reklamar**

12.2.1 Is-SE informa li qed ikun propost li jiġu aġġornati r-rati tar-riklamar u li tiddaħħal klawsola li dawn ikunu jistgħu jsiru b'mod diġitali fuq il-midja soċjali u l-website.

12.2.2 Hu informa wkoll li l-prezzijiet jistgħu jiġu riveduti.

12.2.3 Il-Kunsill qabel u għalhekk is-SE għandu jiddiskuti mal-avukat ħalli tiġi aġġornata u jibda l-proċess għall-emendi skont il-liġi.

12.3 Is-SE informa li l-prezzijiet għaż-żewġ bye laws ġew diskussi fil-laqgħa tal-finanzi.

**13. APPOINTMENT OF BNF AS BANKER**

13.1 Is-SE informa li mal-BANIF diġà hemm kont bankarju miftuħ, iżda l-bank riedu konferma minn naħa tal-Kunsill li se jibqgħu jużaw dan il-kont.

13.2 Il-Kunsill qabel u kkonferma li jixtieq jibqa' jutilizza s-servizzi bankarji tal-BNF.

**14. PA 02427/21 – ŻVILUPP TAL-PARKEĠĠ TAT-TRADEFAIR**

14.1 Is-Sindku infurmat li meta kienet saret il-laqgħa mar-residenti il-Perit Mintoff kien spjega fid-dettal il-pjanti kif ukoll wieġeb għal mistoqsijiet li kienu għamlu r-residenti preżenti. Il-konsulenti tal-Kunsill ma jistgħux jgħinu lil Kunsill minħabba li għandhom kunflitt ta' interess.

14.2 Il-Kunsillier Spiteri semma l-kwistjoni tal-għoli li dan baqa' hemm.

14.3 Il-Kunsillier Brincat spjega li jekk mhux se jkun hemm blokka ta' 10 sulari se jkun hemm blokka ta' 5 sulari u xorta l-Kunsill se jiġi kritikat.

14.4 Fis-19:30 il-Kunsillier Cuomo talbet li tkun skużata mill-kumplament tal-laqgħa.

14.5 Is-SE informa li hija importanti li l-Kunsill jieħu pożizzjoni.

14.6 Wara aktar diskussjoni l-Kunsill qabel li l-PA tkun infurmata li l-Kunsill xorta jixtieq li l-iżvilupp ma jkunx għoli u li spazju u ħdura proposta, jibqgħu jinżammu fi stat ta' manutenzjoni tajba fil-futur.

**15. ĠIEĦ IN-NAXXAR**

15.1 Is-Sindku infurmat li din se tiġi diskussa wara l-laqgħa.

**16. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

16.1 Il-Kunsillier Deguara informa rigward l-attività President's Fun Run li se ssir fil-21 ta' Novembru. Kull min jipparteċipa irid iħallas €10 u jkollu flok tal-attività. It-tluq se jkun mill-pjazza tan-Naxxar. Hu ħeġġeġ lin-nies sabiex jipparteċipaw.

16.2 Is-SE staqsa dwar l-ikla tal-Milied tal-Kunsill. Hu ssuġerixxa u l-Kunsill qabel li din issir fis-17 ta' Diċembru.

16.3 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-24 ta' Novembru 2021 fis-17:45.

16.4 Il-Laqgħa ntemmet fit-19:45.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |